MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2735/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Ltd. kif surrogata fid-drittijiet ta'**
**l-assigurat taghha Joseph Calleja abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Calleja**

**vs**

**Robert Farrugia u Richard Gabriele**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici nomine et. s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm228.35) rappresentanti danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta attrici Joseph Calleja, u li ghalihom

ghamlet tajjeb is-socjeta attrici salv ghal *excess* ta’ Lm25 imhallsa mill-istess Joseph Calleja, bhala rizultat ta’l-incident stradali li sehh fis-17 ta’ Lulju 2001 ghal habta tas-6:00p.m. gewwa Triq Dicembru Tlettax il-Marsa, bejn il-vettura proprjeta ta’l-attur Joseph Calleja, bin-numru ta’ registrazzjoni CAC396 u l-vettura misjuqa mill-konvenut Richard Gabriele bin-numru ta’ registrazzjoni MMA 004 u dik misjuqa mill-konvenut Robert Farrugia bin-numru ta’ registrazzjoni IAS 453 liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragini, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali li gietipprezentata ma’l-avviz kontra s-socjetajiet assikuratrici tal-konvenuti u bl-imghaxijiet legali min-notifika ta’l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Robert Farrugia ipprezentata fit-12 ta’ Dicembru 2002, fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi l-incident in kwistjoni ma garax tort u htija ta’l-esponenti u dana kif sejjer jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi ececzzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Ra li l-konvenut l-iehor Richard Gabriele, ghalkemm awtorizzat jipprezenta r-risposta tieghu , fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2004, baqa’ ma ghamilx dana fiz-zmien moghti lilu.

Ra l-kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut Richard Gabriele ipprezentat mis-socjeta attrici fl-24 ta’ Mejju 2004.

Ra li l-konvenut naqas li jattendi kemm f’din is-seduta meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni, kif ukoll ghas-seduta ta’ llum u ghalhekk it-Tribunal sejjer ighaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Sema' x-xhieda ta’l-attur u tal-konvenut Robert Farrugia, kif ukoll ta’ P.S. 1330 Alexander Schembri.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident mertu tal-kawza sehh fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, vicin ir-*roundabout* li hemm fil-bidu ta’ Triq Dicembru Tlettax. Illi f’dan l-incident stradali kien hemm tlett sewwieqa involuti u cioe’ l-attur Joseph Calleja li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAC396 tal-ghamla Fiat Regata, Robert Farrugia li kien qieghed isuq il-vettura  bin-numru ta’ registrazzjoni IAS 453 tal-ghamla Subaru u Richard Gabriele li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni MMA004 tal-ghamla Mazda.

Illi l-verzjonijiet dwar id-dinamika ta’ dan l-incident moghtija mill-attur u mill-konvenut Farrugia huma konfliggenti filwaqt li l-konvenut l-iehor Richard Gabriele ma deherx u ma ressaqx il-provi tieghu. Joseph Calleja jikkontendi illi huwa kien qieghed isuq fuq it-tielet karreggjata min-naha tax-xellug u kien ilu isuq fuq din il-karreggjata minn Triq Aldo Moro bl-intenzjoni illi jibqa’ sejjer lejn il-Belt. Quddiemu kienet qed tinsaq il-Mazda ta’ Gabriele li kienet boghod minnu tul ta’ zewg vetturi. Ighid illi f’salt minnhom Farrugia li kien qieghed isuq fit-tieni karreggjata, qabad u qasam sabiex jidhol ghal fuq il-karreggjata fejn kien qieghed isuq hu, izda b’konsegwenza ta’ din il-manuvra huwa habat fil-Mazda misjuqa minn Gabriele u peress illi kien hemm ftit distanza bejnu u bejn il-vettura misjuqa minn Farrugia, huwa baqa’ diehel fuq in-naha ta’ wara ta’ din il-vettura.

Min-naha l-ohra Robert Farrugia jikkontendi ill huwa kien qieghed isuq fit-tielet lane jew inkella fit-tieni lane min-naha tar-roundabout, meta f’daqqa wahda huwa qala’ daqqa fuq wara mill-vettura misjuqa minn Calleja u b’konsegwenza ta’l-impatt il-vettura tieghu marret ghal fuq

l-ewwel lane in-naha tar-roundabout u b'hekk baqa' diehel fuq l-Mazda ta' Gabriele.

Illi mill-atti processwali jidher illi l-ewwel verzjoni li kien ta Farrugia lill-pulizija u kif tidher rapporata fir-*road accident report* in konnessjoni mal-kollizzjoni bejn il-vettura ta' Farrugia u dik ta' Gabriele, hija differenti minn din il-verzjoni. Fil-fatt Farrugia kien biddel il-verzjoni tieghu madwar jumejn wara l-incident u mar l-ghassa tal-pulizija sabiex jirrimarka dwar dan. Fix-xhieda tieghu huwa jikkontendi illi l-pulizija nizzel il-verzjoni tieghu hazin u mhux kif kien qallu ghaliex il-pulizija kien dehrlu illi huwa kien bi hsiebu idur mar-*roundabout* meta dana ma kienx il-kaz. Izda anke mid-dikjarazjzoni *front-to-rear*, li tinsab esebita  bhala Dokument JC1 a fol.25 tal-process, liema dikjarazzjoni tirreferi ghal kollizzjoni bejn il-vettura ta' Calleja u dik ta' Farrugia, l-istess Robert Farrugia jindika fis-sezzjoni intitolata "cirkostanzi" illi l-kollizzjoni sehhet meta huwa kien qieghed jaqleb minn  lane ghall-iehor. Inoltre is-surgent Schembri jikkonferma fix-xhieda tieghu illi l-ewwel verzjoni kienet giet moghtija lilu minn Farrugia dak il-hin stess meta huwa kien mar fuq il-post ta'l-incident. Ghalhekk huwa kemmxejn dubbjuz kif Farrugia sussegwentement beda ighid illi huwa ma kellux l-intenzjoni ibiddel il-karreggjata li fiha kien qieghed isuq, meta *a tempo vergine*, kemm mir-rapport tal-pulizija, kif ukoll mid-dikjarazzjoni *front-to-rear*, iffirmata minnu stess jirrizulta illi fil-fatt l-intenzjoni tieghu kienet illi ibiddel il-karreggjata. Ghalhekk b'konsegwenza ta' din il-manuvra minghajr kont, huwa habat fil-vettura misjuqa minn Gabriele u ma ippermettiex lil Calleja jiehu azzjoni tempestiva sabiex jevita l-kollizzjoni sabiex b'hekk anke hu baqa' diehel fil-vettura tieghu.

Regola kardinali ta' *lane discipline* hija dik li fil-passagg minn *lane* ghal iehor is-sewwieq ma ghandux jikkaguna "*inconvenience or danger to the other vehicles*". Inoltre l-artikolu 76 tal-Highway Code ighallimna: "*before changing direction, reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror*. L-artikolu 79 ikompli ighid: "*When changing direction you ,must invariably signal your intention to turn well in advance and*

*make sure that it is safe to do so by looking in your mirror*." Kif gustament gie ritenut f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2001 fil-kawza fl-ismijiet Fogg Limited et vs Martin Vella: "Sewwieq ghandu jiehu l-prekawzzjonijiet necessarji qabel ma jaqsam jew jidhol minn karreggjata ghall-ohra u dana jinkludi li l-ewwel jesplora jekk ikunx gej traffiku fuq il-karreggjata l-ohra u li jaqsam ghall-istess jew jidhol fl-istess karreggjata biss wara li jassigura ruhu li ma hux ser jikser il-*flow of traffic* fuq l-istess u jaghti tempestivament l-indikazzjoni jew sinjal ghal din il-manuvra tieghu." Haga li l-konvenut Farrugia ma jidhirx illi ghamel u b'konsegwneza ta' dan sehhet il-kollizzjoni fejn kienu involuti zewg vetturi.

Illi ghalhekk ir-responsabbilta kienet tinkombi fuq l-konvenut Farrugia mhux biss li jaghmel is-sinjal sabiex jaghti pre-avviz lis-sewwieqa l-ohra ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel, izda inoltre li jara li s-sewwieqa l-ohra raw dan is-sinjal u kellhom bizzejjed hin sabiex jirreaggixxu ghalih.

Illi ghalkemm il-konvenut Richard Gabriele ma ipprezentax id-difiza tieghu ghal din il-kawza u lanqas xehed f'dawn il-proceduri, ma jidhirx illi huwa kellu xi htija f'din il-kollizzjoni.

Illi ghar-rigward tal-quantum tad-danni ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni u kwindi anke fid-dawl tad-dokumenti esebiti jidher illi t-talba attrici hija wahda gustifikata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut Robert Farrugia unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u ghalhekk ighaddi sabiex filwaqt li jilqa' it-talba attrici fil-konfront tieghu, jillibera lill-konvenut l-iehor Richard Gabriele mill-osservanza tal-gudizzju u jikkundanna lill-konvenut Robert Farrugia ihallas lis-socjeta attrici nomine et. lill-attur s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm228.35), bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Novembru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, hlief ghal dawk in konnessjoni mal-konvenut Richard Gabriele ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut, filwaqt illi l-ispejjez in konnessjoni mal-konvenut Richard Gabriele ghandhom jigu sopportati mis-socjeta attrici nomine et.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------